# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/592

## tas-16 ta' April 2018

## li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għal-Lussemburgu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvern tal-Lussemburgu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Settembru 2016 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu mill-25 ta' Settembru 2016 sal-24 ta' Settembru 2018.

(2) Il-Gvern tal-Lussemburgu ppreżenta nomini għal diversi karigi li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2018:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Lussemburgu | Is-Sur Tom GOEDERS<br>Is-Sur Laurent PEUSCH | Is-Sur Jonathan PEREIRA NEVES |

II. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Lussemburgu | Is-Sur Carlos PEREIRA<br>Is-Sur Paul DE ARAUJO | Is-Sur Eduardo DIAS |

III. RAPPREŻENTANTI TAL-ASSOĊJAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Lussemburgu | Is-Sinjura Patricia HEMMEN<br>Is-Sur François ENGELS | Is-Sinjura Héloise ANTOINE |

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2016 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C 348, 23.9.2016, p. 3.)

*Artikolu 2*

Il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati ser jinħatru mill-Kunsill f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' April 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. PORODZANOV